# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Ġunju, 2020

Rikors Numru: 110/2018 AL

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr. Noel Cutajar u l-P. L. Joeline Pace Ciscaldi b'digriet tas-7 ta' Mejju 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni mill-liema relazzjoni twieled il-minuri F E nhar is-27 ta' Marzu 2010 hekk kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bħala 'Dok EV1';

2. Illi r-relazzjoni ta bejn il-partijiet ilha snin li ntemmet u peress li l-partijiet baqaw qatt ma rregolaw il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-istess tifel minuri;
3. Illi l-istess minuri jghix mal-esponenti u peress illi l-intimat ilhu snin nieqes min Malta tant illi ma għandu l-ebda relazzjoni mal-minuri filfatt l-esponenti ilha snin sħaħ ma jkollha xi forma ta kuntatt mal konvenut;
4. Illi peress illi l-kundizzjonijiet tal-minuri baqaw qatt ma gew regolati b'hekk ex lege il-kura ul-kustodja tal-minuri hija vestita fiż-żewġ ġenituri li fil prattika jfisser illi l-esponenti ghandha diffikultajiet kbar ghad decizjonijiet li trid tiehu ghal minuri b'mod specjali ghal dak li ghandu x jaqsam mas-saħħa, edukazjoni u safar;
5. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti, permezz ta' digriet bin-numru 522/18 u datat 6 ta' Marzu, 2018 hawn anness u mmarkat bhala 'Dok EV2'
6. Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment;

Talbet in vista tas-suespost li l-konvenut ighid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F E tigi fdata unikament lil esponenti b'dana illi d-deciżjonijiet kollha li jirrigwardjaw lil minuri kemm dawk ta natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;

Bl-ispejjez,

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr. Noel Cutajar u l-P. L. Joeline Pace Ciscaldi li permezz taghha eċċepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat;

Illi l-esponenti jitolbu lir-rikorrenti jipprovdulhom kull informazzjoni li jista` għandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat, u dan jekk għandhom informazzjoni oħra, oltre dik diga` provuduta fir-rikors;

Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw lista tax-xhieda u dokumenti oħra relattivi għal kaz jekk fi kwalunkwe kaz l-assenti C D E tagħmel kuntatt magħhom;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawza fejn ir-rikorrenti qegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri F E imwieled fis-27 ta' Marzu 2010, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid esebit bħala Dok EV1 fol 5 tal-proċess.

Kull referenza għall-konvenut f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenut assenti u mhux għall-kuraturi li debitament jirrapreżentawh fl-assenza tiegħu.

Provi:

Illi r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit u qalet li kienet ltaqgħet ma' C D E f'April 2009, u ftit xhur wara r-relazzjoni, kien se jkollha lil F li twieled fis-27 ta' Marzu 2010. Xi xhur wara t-twelid tat-tifel, il-konvenut kien telaq minn Malta, meta kkuntattatu qalilha li ma riedx kuntatt magħha u lanqas mal-minuri. Sussegwentement saret taf li kien telaq minn Malta, għalhekk kienet ilha ma jkollha kuntatt miegħu għal seba' snin. Żiedet tgħid li hi bdiet tirriskontra problemi peress li f'ċerti deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-minuri kien qed ikollha bżonn il-kunsens tal-missier. Għalhekk, talbet li tiġi fdata unikament bil-kura u kustodja tal-minuri sabiex tkun awtorizzazzata li tieħu deċiżjonijiet meħtieġa rigward il-minuri.

Illi xehed G B permezz ta' affidavit u qal li hu iben ir-rikorrenti u illi meta kellu ħdax-il sena ommu kienet tqila u sussegwentement twieled F. Spjega li ommu dejjem ħadmet sabiex tieħu ħsieb l-interessi tiegħu u ta' F u kkonferma li sa' minn meta F kien żgħir kienet dejjem ommu li ħadet ħsieb tiegħu. Żied igħid, li erba' snin wara li twieled F, il-partner ta' ommu, H I, kien għen u ta support.

Illi xehed H I permezz ta' affidavit u qal li kien ltaqa' mar-rikorrenti f'Ottubru 2014, meta' F kellu erba' snin u t-tifel il-kbir tagħha kellu ħmistax-il sena. Qal li r-rikorrenti dejjem ħadmet biex tieħu ħsieb uliedha, u kien qed ikollha problemi fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-minuri, peress illi kellha bżonn tal-kunsens tal-missier.

Illi xehdet J Jeanne Lpermezz ta' affidavit u qalet li ilha taf lir-rikorrenti għal tul ta' snin, u tiftakar meta' r-rikorrenti kienet inqabdet tqila b'F. Hija xehdet li kienet dejjem ir-rikorrenti li ħadet ħsieb il-minuri F għal dawn l-aħħar disa' snin minn meta twieled u dejjem tagħtu l-aħjar trobbija.

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[1], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[2], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[3], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[4], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[5].

## APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

[1] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;
[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[5] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi r-rikorrenti, sa' minn meta l-minuri F E kien għadu żgħir, kienet tieħu ħsieb il-ħtiġijiet tiegħu ta' kuljum. Jirriżulta li l-konvenut ilu snin nieqes minn Malta, wara li l-ġenituri tal-minuri temmew ir-relazzjoni tagħhom. Jirriżulta wkoll li l-istess rikorrenti m'għadx għandha kuntatt mal-konvenut u li l-konvenut m'għandu l-ebda relazzjoni mal-minuri F.

Illi l-Qorti, wara li kkunsidrat l-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, rat illi mill-assjem tal-provi jirriżulta li r-rikorrenti sa mit-twelid rabbiet u ħadet ħsieb lill-minuri F fl-assenza tal-konvenut. Għalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti tara l-kura u l-kustodja tal-minuri F għandha tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti. Di piu`, il-Qorti kkunsidrat ukoll li r-rikorrenti kienet responsabbli għall-għixien u t-trobbija tal-minuri fl-assenza tal-konvenut sa minn mindu l-minuri kien għadu żgħir. Din il-Qorti tiddikjara għalhekk li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, safar, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri, għandha tittieħed mir-rikorrenti weħedha mingħajr il-bżonn tal-awtoriżazzjoni u /jew il-kunsens tal-konvenut.

DEĊIDE

Għalhekk u għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, u li d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri kemm dawk ta' natura ordinarja u kif ukoll ta' natura straordinarja , u cjoe` dawk ta' edukazzjoni, saħħa u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, jittieħdu esklussivament minnha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, b'dan li r-rikorrenti għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.